ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

Il-Kunsilli Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja Ħal Qormi fil-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Josef Aquilina

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**49.1 Ittri ta' Apoloġija**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Josef Aquilina li ma setgħax jattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 48 li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 48 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**49.3.1** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li fit-8.15a.m. ta' filgħodu kellu telefonata mingħand l-Onorevoli Ian Borg fejn stiednu għal Konferenza Stampa fid-9.00a.m.

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li tkellem mal-Periti tal-Ministeru dwar estensjoni tar-rainwater culvert, iżda ġie nfurmat li minħabba servizzi eżistenti mgħoddija taħt l-art, dan ir-rain water culvert ma jistax jiġi estiż.

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppropona li fid-dawl ta' dan kollu jsiru gutters fi Triq Dun Marju ma Triq l-Iżbandola.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma' din il-proposta.

### 49.3.2 Proġett pjazza Triq San Bastjan

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li x-xogħlijiet fil-pjazza ta' Triq San Bastjan għaddejjin b'ritmu tajjeb ħafna, fejn propju llum inbeda x-xogħol fuq il-bankina tan-naħa tal-Knisja ż-Żgħira u nstabet bokka ta' xelter, fejn ġie diskuss mal-Perit tal-Kunsill sabiex il-bokka ma tingħalaqx bil-konkos u ssir parti mill-bankina.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li se ssir manutenzjoni fuq l-istatwa ta' San Bastjan fejn se jingħata ż-żejt bħal dak li tar fuq l-istatwa sabiex tkun kulur wieħed. Is-Sindku nfurma li se jinbeda x-xogħol fuq iz-zuntier tal-Knisja ż-Żgħira u jekk ma jkunx hemm problemi, x-xogħol għandu jkun lest sad-data tal-inawgurazzjoni.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk ġiex iffirmat il-Kuntratt mal-Awtorita' tal-Ippjanar għall-fondi ta' dan il-proġett. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li għadha qed tistenna risposta mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li t-triq se tkun qed tinfetaħ mill-ġdid għat-traffiku, it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2018.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li bħalissa qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ta' Triq il-Wied, mill-Ministeru għall-Infrastruttura, Proġetti Kapitalli u Transport filwaqt li l-kuntrattur tal-Kunsill beda x-xogħol fuq il-bankini fi Triq Santa Katerina.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ġibed l-attenzjoni li l-kunsilliera għandhom jiġu nnotifikati bix-xogħlijiet li jkunu qed isiru fil-lokalita', għall-fatt li meta jiġu avviċinati mir-residenti, ma jkunux jafu x'se jaqbdu jwieġbu u dan joħloq *image* ħażina tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa dwar il-parking propost fi Triq San Bastjan. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li għad m'hemmx risposta mingħand il-Perit.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni dwar l-istat tal-bankini fi Triq il-Ġdida, Triq Antonio Muscat Fenech u Triq Belliċ. Is-Sindku nfurma li Triq il-Ġdida tinsab fil-lista tax-xogħlijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk hemmx xi ħjiel mill-Gvern Ċentrali dwar hux se jagħmel resurfacing ta' toroq fil-lokalita' u liema toroq ġew magħżula. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li Triq il-Belt Valletta u Triq il-Kanun huma mwiegħda li jsiru mill-Ministeru.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia daħal għal laqgħa fis-6.20p.m.**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet sspensjoni tas-Seduta sabiex ikun possibli li l-Kunsill jiddiskuti l-item fuq l-Aġenda 'Ħatra Segrteaju Eżekuttiv', minħabba kunflitt ta' nteress.

Il-Kunsill issospenda s-Seduta sakemm ġie diskuss ir-rapport.

### 49.3.4 Rapport Ħatra Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Jesmond Aquilina poġġa fuq il-Mejda, r-rapport ippreparat dwar il-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Jesmond Aquilina talab l-approvazzjoni tar-Rapport.

Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** r-rapport tal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u rrakkomanda li s-Sjra Karen Camilleri tinħatar Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li s-Sur Christopher Falzon jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 49.3.5 TENDERS

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li jidher li kien hemm talbiet ta' kjarifika fuq it-tlett tenders u għaldaqstant se tkun qed terġa' tissejjaħ laqgħa sal-aħħar tax-xahar sabiex jiġu approvati dawn ir-rapporti.

## 49.4 MOZZJONIJIET

### 49.4.1 Mozzjoni Nru 90

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippreżenta mozzjoni nru 90 **;**

*Nipproponi illi jsiru ftehim simili tal-Għaqdiet, għal Baden Powel Scouts u lill-1st Qormi Scout Group; 2 għaqdiet li wkoll qegħdin jagħmlu ġid liż-Żgħażagħ u t-tfal tal-komunità Qormija.*

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 90/2018.

**49.4.2 MOZZJONI NRU 91**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni Nru 91

*Wara li ngħatajna parir mill-Kumitat tas-Tismija tat-Toroq fir-rigward tal-isem tal-Pjazza San Sebastjan u minħabba li hemm il ħtieġa li jsir door numbering ġdid fi Triq San Bartolomew u din se tkun tispiċċa sal-Pjazza, għalhekk il-parti tat -triq illum San Bartilmew mill-Pjazza sa ħdejn l-Abatija jeħtieġ u tistà tingħata isem ġdid.*

*Qiegħed nipproponi għalhekk li din it-Triq mill-Pjazza sa ħdejn l-Abatija tissemma: Triq San Ġorġ Preca, l-ewwel Qaddis Malti dan fid-dawl tal-fatt li f'din it-Triq hemm ukoll il-qasam tal-MUSEUM tas-subien.*

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 91/2018.

**49.4.3 Mozzjoni Nru 92**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ippreżenta mozzjoni nru 92

*Qiegħed nressaq din il-mozzjoni, peress li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu lis-spazji miftuħa, bħal ġonna għal qalbu u dejjem għamel minn kollox biex itejjeb il-kundizzjoni biex ikunu jistgħu jitgawdew mir-residenti.*

*Qiegħed nipproponi biex isiru xi dwal fil-pjazza li hemm fit-Triq Dun Mario kantuniera ma Triq l-Isqof Scicluna, quddiem Kalċ tal-ħobż. Pjazza li titgawda minn ħafna u li sfortunatment sallum qegħda bla dawl.*

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-Mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 92/2018.

**49.4.4 Mozzjoni Nru 93**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta mozzjoni Nru 93

*Nipproponi li jsiru 12-il food stall li jkunu fully compliant mas-sanità bis-sink, geyzer, mixer u dwal li dawn se jkunu qegħdin jintużaw għal l-ewwel darba f' Lejl Casal Fornaro u jkunu propjeta tal-kunsill fejn dawn jkunu jistgħu jinkrew jew jisselfu għal attivitajiet oħra. Dawn ser jiġu maħżuna fil-garage il-ġdid tal-Kunsill.*

*Is-somma għal kull waħda tiġi €520 fejn ix-xogħol se jsir mill-KZB u se jipprovdu irċevuti għax-xogħol u għal materjal mixtri*.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ssekonda l-Mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 93/2018.

## 49.4.5 Mozzjoni Nru 94

Il-Kunsillier Renald Falzon ippreżenta mozzjoni nru 94;

*Nipproponi li jinstab post alternattiv ghall-"Bring-in Site" li prezentament jinsabu fil-pjazzetta fi Triq Dun Mario, kantuniera ma' Triq l-Isqof Scicluna.*

*Dan ghall-fatt li;*
*Dawn il-"Bring-in Site" jinsabu fil-qalba tal-abitat, ezattament fi pjazza fejn ta' kuljum jingabru r-residenti sabiex jirrikreaw rwiehhom flimkien bhala komunita', izda minhabba n-nuqqas ta' uzu tajjeb, dawn il-bins qed joholqu skart fil-madwar bil-konsegwenza li jkun hemm nuqqas ta' igene, rwejjah qawwija ta' skart u nsetti.*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu nipproponi li dawn il-bring-in sites jitpoggew fi Triq Tal-Hlas k/m Triq Ta' Farzina.*

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 94/2018.

Is-Sindku Jesmond Aquilina ġibed l-attenzjoni li dawn il-bring-in sites saru mill-Kumpanija Greenpak u bil-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar u għaldaqstant il-Kunsill se jkun biss qed iressaq it-talba tiegħu kif approvat lil Greenpak.

## 49.5 Kumitati u Sotto Kumitati

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li kellu laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija s-Sur Victor Aquilina fejn ġew diskussi bosta issues, b'mod partikolari r-rimi ta' skart fit-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tintbagħat talba lid-Dirsettorat tal-Indafa sabiex jinbeda eżerċizzju ta' moniteraġġ minn LESA u l-Pulizija tal-ALE sabiex jibdew jinħarġu l-multi.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** infurma li ltaqa' ma grupp li qed iħejju petizzjoni kontra l-bini ta' pont bejn il-bypass tal-Imrieħel u Ħaż-Żebbuġ, b'detriment għall-ambjent naturali tal-Wied. Is-Sindku talab li tinġieb aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

**49.6 Korrispondenza**

**49.6.1 Cirk AKL Ħlasijiet ta' Kontijiet tad-Dawl fil-Kunsilli Lokali**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat Ċirk AKL 2018/107 għad-diskussjoni. Il-Kunsill iddiskuta din iċ-ċirkulari u qabel li dan is-servizz ma jiġix offrut mill-Kunsill Lokali għall-fatt li dan jista' joħloq periklu għall-impjegati, minħabba l-ammont ta' flejjes ġewwa l-uffiċċju. Dan minbarra li l-impjegati se jispiċċaw b'ħafna argumenti u ħela ta' ħin fuq problemi li jinqalgħu dwar dawn il-kontijiet, għall-fatt li l-Kunsill mhux se jkollu aċċess għad-data tal-ARMS. Is-Sindku spjega li dan is-servizz jingħata ftit metri bogħod mill-binja tal-Kunsill, fl-uffiċċji tal-Posta.

**49.6.2 TCTC – Organizzar ta' Korsijiet**

Il-Kunsill approva l-organizzar ta' dawn il-korsijiet.

**49.6.3 Korrispondenza mill-Għaqda Mużikali Anici u l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri dwar il-Marċ tal-Milied.**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppropona li fid-dawl ta' dan kollu l-Marċ tal-Milied jispiċċa quddiem il-Kunsill Lokali bid-dritta tkun tal-Għaqda skont il-Kuntratt. Is-Sindku nfurma li se jkun qed jiddiskuti mat-tlett għaqdiet mużikali l-way forward.

**49.6.4 Programm Inawgurazzjoni Pjazza San Bastjan**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ta d-dettalji tal-programm tal-inawgurazzjoni tal-pjazza San Sebastjan li se tinżamm nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ottubru fis-7.30p.m. 'l quddiem

**49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ppropona l-approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**49.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 1 t'Ottubru 2018 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 01 ta' Ottubru 2018.

**IFFIRMATI**
Jesmond Aquilina
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv